**9 ta' Lulju, 1958**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Alessandro Mallia

*versus*

Avukat Dr. Victor Ragonesi ne.

**Arrest Personali — Manteniment tad-Debitur — Liberazzjoni Tiegħu — Depożitu tal-Alimenti — Art. 367 tal- Kap. 15**

*Meta l-liġi tgħid li l-marixxall għandu jiġi mogħti l-manteniment fissat mill-Qorti, sabiex jgħaddieh lil-kalzier, għal sebgħa tijiem, dak il-manteniment għandu jinkludi l-jum tal-arrest, bħal li kieku l-istess debitur ikun diġà arrestat għall-erbgħa u għoxrin siegħa. Il-jum tal-apprensjoni għandu jiġi kompriż fid-depożitu tal-alimenti bħala sħieħ, u d-depożiti susseġwenti għandhom isiru regolarment u puntwalment, b'mod li ma jkunx hemm ebda perijodu li fih id-debitur ma jkunx kopert għall-manteniment.*

*Jekk id-depożiti jsiru tardivament, id-debitur għandu dritt jitlob l-liberazzjoni tiegħu mill-arrest. U l-liġi stess tiddisponi illi fil-każ ta' nuqqas ta' depożitu bil-quddiem tal-manteniment, ċertifikat dan in-nuqqas mill-kalzrier, id-debitur legalment impriġjonat għad-dejn, mingħajr ebda formalità, jista' jottjeni l-ħelsien tiegħu mill-Imħallef li jkun ħareġ il-mandat tal-arrest.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet opportuni u jiġu mogħtijin il-provvedimenti neċessarji, billi l-attur jinsab detenut fil-Ħabs ta' Corradino, fis-sezzjoni tad-debituri, b'eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest spedit fuq talba tal-Avukat Dr. Victor Ragonesi ne. fl-4 ta' Frar 1958, u eżegwit fis-7 ta' Frar 1958; peress illi l-konvenut nomine naqas li jħallas l-alimenti settimanali ta' 17s.-6d. fil-ġimgħa stabbiliti mill-Qorti fit-termini fissati mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jeżiġi illi d-"dies a quo" jiġi wkoll komputat fit-terminu, u illi l-ħlas isir mhux aktar tard minn nofsinhar tal-jum tal-iskadenza, skond ma jirriżulta minn oppożita dikjarazzjoni magħmula minn George Ransley, O.B.E. fil-kwalità tiegħu

ta' Direttur tal-Ħabs ta' Corradino, u li tinsab eżibita mar-rikors ta' kontromandat tas-27 ta' Ġunju 1958, u kif sejjer jiġi pruvat matul it-trattazzjoni tal-kawża; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-konvenut nomine ma ħallasx l-alimenti dovuti lill-attur entro t-termini legali, u li l-istess attur ipprotesta kontinwament kontra din il-vjolazzjoni tal-liġi ma' diversi uffiċjali tal-Ħabs' ta' Corradino, u li b'konsegwenza tiġi ordnata l-liberazzjoni tiegħu mill-arrest personali, prevja, okkorrendo, l-ispedizzjoni tal-kontromandat tas-27 ta' Ġunju 1958. Bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-konvenut nomine, kompriżi dawk tal-kontromandat fuq imsemmi;

*Omissis;*

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-attur qiegħed jitlob il-liberazzjoni tiegħu mill-arrest personali għal debitu kummerċjali, il-għaliex il-kreditur eżekutant naqas milli jħallas u jiddepożita l-alimenti tiegħu bil-quddiem biċ-ċertifika tal-kalzrier. Il-konvenut qiegħed jopponi t-talba għal żewġ raġunijiet:— (1) L-għaliex il-pagamenti settimanali saru b'mod legali; (2) u l-għaliex id-debitur ha d-depożiti regolarment, u l-istess ġew aċċettati mill-attur mingħajr protesti, u l-istess attur debitur avviċina lill-konvenut nomine sabiex jintlaħaq akkordju. Intqal ukoll, mill-konvenut nomine, li l-attur ippretenda li l-ħlas jew depożitu tal-manteniment tiegħu kellu jsir personalment lilu, mentri fil-fatt għandu jsir lill-kalżrier; imma, milli jidher, fuq din l-oppożizzjoni l-konvenut nomine iffraintenda l-espressjoni wżata fl-att promotorju tal-ġudizzju, l-għaliex l-attur qatt ma ppretenda, lanqas fil-kors tal-kawża, li l-konvenut nomine kellu jħallas direttament u personalment lilu d-depożitu tal-alimenti, imma ppretenda li dak id-depożitu ma sarx fit-terminu li trid il-liġi, u l-istess kwerela kwindi ma' jista' jkollha ebda piż;

Ikkunsidrat;

Mill-provi (ara dok. A wara r-rikors tal-attur tas-27 ta' Ġunju 1958, sabiex jinħareġ kontromandat in relazzjoni għall-mandat ta' din il-Qorti tal-4 ta' Frar 1958 numru 35/58, eżegwit fis-7 ta' Frar 1958), jirriżulta ċar li d-depo-

żiti 2, 3, 4, 5, 6, u 7, taħt id-dati rispettivi tal-14 ta' Frar, 21 ta' Frar, 28 ta' Frar, 7 ta' Marzu, 14 ta' Marzu, u 21 ta' Marzu, kollha ta' din is-sena, ma sarux skond it-termini tal-art. 167(1) u (2) tal-Kapitlu 15. Infatti, meta l-liġi tgħid li lill-marixxall irid jiġi mogħti l-manteniment fissat mill-Qorti, sabiex jgħaddieh lill-kalzier għas-sebgħa tijiem, dak il-manteniment għandu jinkludi l-jum tal-arrest (ara art. 367(1) Kap. 157) bħal li kieku l-istess debitur ikun diġà arrestat għall-erbgħa u għoxrin sigħa; l-għaliex kieku kien diversament, kien ikun hemm perijodu fejn id-debitur jibqa' skopert. Infatti, kieku l-perijodu kellu jiġi kalkulat mill-10 a.m. tas-7 ta' Frar sal-14 ta' Frar 1958 fl-10 a.m., u l-eżekutant kien, skond il-para. 2 tal-artikolu fuq imsemmi, jista' jagħmel id-depożitu f'nofs inhar nieqes minuta tal-aħħar jum (14/2/1958), l-istess debitur tiegħu kien ikun skopert għall-alimenti mill-10 a.m. tal-14 ta' Frar 1958 sal-11.59 a.m. ta' dak l-istess jum — dak li huwa kontra l-ispirtu tal-liġi; l-għaliex il-manteniment ma jistgħax ikun interrott, u għandu jitħallas bil-quddiem;

Illi, kwindi, meta l-liġi fl-ewwel perijodu nkludiet "the day of apprehension", fil-ħsieb ta' din il-Qorti, riedet tinkludi dak il-jum bl-erbgħa u għoxrin sigħa tiegħu (ċjoè bħala jum sħieħ ta' erbgħa u għoxrin sigħa); b'mod li, meta mponiet li l-pagamenti rinnovattivi kellhom isiru mhux aktar tard minn nofsinhar tal-aħħar ġurnata tal-perijodu settimanali, riedet timponi li l-ħlas isir f'dik is-sigħa msemmija, l-aħħar jum settimanali, kompriż bħala komplet il-jum tal-apprensjoni;

Ikkunsidrat;

Illi kwindi, meta fir-Regolamenti tal-Ħabs (art. 186) ġie regolat li "if any such deposit is not made when it becomes due the Director shall, on the expiration of the period for which the deposit is due, reckoned *from* the time of the debtor's delivery into the prison, forthwith report the failure to the Court under the authority of which the debtor is detained, and apply for the requisite instructions", il-kliem "reckoned from the time of the debtor's delivery into the prison" għandhom, rigward id-depożitu, jintendu ruħhom għall-jum tal-apprensjoni, jew

il-ħin tal-appresjoni, li jindika l-jum; u jekk, skond il-liġi, il-jum tal-apprensjoni jrid jiġi kompriż fid-depożitu bħala sħieħ, il-kalkolu li jrid jagħmel id-Direttur tal-Ħabs biex jagħmel dak li jimponulu r-Regolamenti għandu jkun jaqbel ma' dak li trid il-liġi. Fi kliem ieħor, id-Direttur tal-Ħabs għandu jara l-ħin u l-jum meta debitur ikun ġie arrestat, jikkalkola d-depożitu bħala komplet għal dak il-jum tal-arrest, u jikkunsidrah bħala l-ewwel jum tal-perijodu settimanali. Infatti, jekk il-perijodu jinkludi "the day of apprehension", skond ma tgħid il-liġi, tabilfors li dak il-jum qiegħed jiġi, indipendentement mis-sigħat, kompriż bħala ġurnata komponenti dak il-perijodu;

Illi għall-grazzja tal-argument jingħad li, anki kieku l-perijodu kellu jiġi kalkulat bis-sigħat, kif kien isir fl-antik, u qabel l-emenda tal-liġi, mid-dokument "A" fuq imsemmi, fil-21 ta' Marzu 1958 id-Direttur tal-Ħabs, jew min huwa nkarigat minnu biex jirċievi d-depożitu in parola, ma rċeviex dak id-depożitu fl-għeluq tal-perijodu, imma rċevieh kwarta tard; u skond l-art. 187 tar-Regolamenti tal-Ħabs, huwa kellu l-obligu impliċitu li ma jirċeviehx;

Illi, kwindi, din il-Qorti hi tal-fehma li d-depożiti fuq imsemija saru tardivament;

Ikkunsidrat;

Illi, mentri d-Direttur tal-Ħabs jammetti li darba waħda l-attur, in okkażjoni tad-depożitu tal-21 ta' Marzu 1958, ilmenta miegħu li d-depożiti ma kienux qegħdin isiru regolarment, jew almenu staqsieh jekk kienux qegħdin isiru regolarment, mix-xhud Giuseppe Cutajar, wara ħafna tlaqliq, nafu li l-attur kien dejjem, u kważi fil-bidu tal-arrest, qiegħed juri renitenza li jirċievi d-depożitu, l-għaliex kien ilmenta li mhux qiegħed isir regolarment; imma l-addetti għall-ħabs kienu jgħidulu li huwa ma kienx korrett fil-ħsieb tiegħu, u li huwa ma kienx jista' jirrifjuta li jirċevieh. Huwa fatt li fuq ir-rimostranzi tal-attur diretti lill-Assistent Reġistratur ta' dawn il-Qrati, kommunikati lir-Reġistratur, li nforma lid-Direttur tal-Ħabs, dan l-aħħar imsemmi mar ħa parir legali mill-uffiċċju legali "ad hoc", u l-istess Direttur tal-Ħabs informa lill-konvenut nomine

biex jibda jagħmel id-depożitu ġurnata qabel dik li huwa kien qiegħed jagħmilhom — dak li fil-fatt beda jsir;

Illi rriżulta wkoll li l-konvenut nomine fil-bidu tal-karċerazzjoni kien mar xi darba biex jagħmel l-ewwel depożitu fil-jum ta' qabel il-ġimgħa, imma ġie nfurmat mill-uffiċjal Jones biex imur l-għada. Dan il-fatt ċertament ma kienx biżżejjed biex il-liġi tiġi njorata;

Illi ntqal li l-konvenut nomine kellu approċċi mal-attur għal xi akkomodament, bla ma ġie msemmi lilu li d-depożiti fuq imsemmijin kienu saru ħażin u mhux fil-perijodu li kellhom isiru; imma, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, dawn l-approċċi ma jistgħux jippreklużu lill-attur mid-drittijiet tiegħu, "multo magis" meta jiġu kunsidrati fuq l-isfond ta' dak li jiġri fil-ħajja ordinarja minn nies li jkollhom l-isfortuna li kellu l-attur;

Illi ntqal ukoll li bil-fatt li l-attur rċieva dawk il-pagamenti huwa akkwijexxa ruħu għas-sitwazzjoni. Din il-Qorti tħoss li, sabiex ikun hemm akkwijexxenza għal fatt, il-persuna li toqgħod għalieh trid tkun oltre li pjenament infurmata, pronta li tilqa' b'ċerta akkondixxendenza dik is-sitwazzjoni volontarjament u spontaneament. Issa, fil-każ in diżamina, l-attur, li kien jilmenta li d-depożiti ma kienux qegħdin isiru regolarment, kien jiġi rinfaċċjat bil-fomm li dak li kien qiegħed isostni ma kienx minnu; u barra minn dan, peress li huwa bniedem li jiddependi nterament mix-xogħol tiegħu, in-neċessità tal-ħajja ġjornaljera kienet timponi fuqu l-aċċettazzjoni ta' dawk id-depożiti; liema pressjoni ċertament ma taqbel xejn mal-volontarjetà jew spontaneità li huma meħtieġa għall-adeżjoni akkwijexxenti f'każ bħal dan in diżamina;

Illi l-art. 371 Kap. 15 jimponi, taħt l-ittra (d), li fil-każ ta' nuqqas ta' depożitu bil-quddiem tal-manteniment, ċertifikat dan in-nuqqas mill-kalzrier, id-debitur legalment impriġjonat għad-dejn, mingħajr ebda formalità, jista' jottjeni l-ħelsien tiegħu mill-Imħallef li jkun ħareġ il-mandat tal-arrest;

Illi, kif jidher kwindi mill-istess liġi, kieku, kif kellu

d-dmir, id-Direttur tal-Ħabs avża lill-Qorti bil-fatt tal-irregolarità fil-pagamenti, l-attur kien ikun jista' minnufih jiġi meħlus. U jekk il-liġi ma tirrikjedi l-ebda formalità għall-ħelsien, lanqas tirrikjedi ebda protesti solenni mid-debitur għal dan il-fini. Del resto, il-fatt li l-attur kien jindaga sabiex jara jekk il-pagamenti tad-depożiti kienux qegħdin isiru regolarment, huwa indiċi suffiċjenti biex juri li huwa kien qiegħed jagħmel hekk biex joħroġ mill-ħabs; u dawk ir-rimonstranzi tiegħu, għalkemm esklużi mix-xhud Jones, jittrasparu mid-depożizzjoni ta' Giuseppe Cutajar; liema depożizzjoni, skond din il-Qorti, għandha tiġi akkreditata aktar minn dik tax-xhud imsemmi qabel, l-għaliex indirettament hija korroborata mix-xhud Carmelo Vella u Dr. Buhagiar, kif ukoll, għal darba waħda biss, mid-Direttur tal-Ħabs. Il-liġi tagħna, a differenza ta' liġijiet oħra, ma tirrikjedix domanda formali għar-rilaxx mill-parti tad-debitur, imma huwa biżżejjed li l-ħlas ma jsirx fil-perijodu li trid il-liġi. Fil-każ tagħna, però, l-attur wera ċar l-intenzjoni tiegħu, tant li pprovoka l-konsult mill-parti tad-Direttur tal-Ħabs minn għand l-uffiċjali legali tal-Kuruna; wara liema konsult il-konvenut nomine beda iħallas id-depożiti ġurnata qabel;

Illi kwindi t-talba attriċi hija ġustifikata;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi, prevju l-akkoljiment tad-dikjarazzjoni mitluba dwar id-depożiti fuq indikati fil-korp ta' din is-sentenza, u wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, billi tordna li l-attur jiġi minnufih liberat mill-arrest personali, skond l-art. 252 Kap. 15; bl-ispejjeż kollha għall-konvenut nomine; li tibqa' lilu riżervata kwalunkwe azzjoni kontra min u skond il-liġi, "si et quatenus".